

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 237/2013****tat-13 ta' Diċembru 2013****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jstabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru ⁽¹⁾ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 iħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2015, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 ⁽²⁾ li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE, u li konsegwentement irid jitħassar skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.
- (3) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE hu emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 66wl (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1207/2011):
"66wm. **32013 R 0391**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jstabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 31)."
2. It-test tal-punt 66wd (Ir-Regolament (KE) Nru 1794/2006) jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 391/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2013, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dak inhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 228/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 ⁽³⁾, skont liema data tkun l-iżjed tard.

⁽¹⁾ ĠU L 128, 9.5.2013, p. 31.

⁽²⁾ ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3.

^(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

⁽³⁾ Ara paġna 25 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN
